**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 267 u 271 tal-Kap 9 u**
**Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**v**

**MARK SCERRI**

**Seduta ta' llum, 18 ta' Lulju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK SCERRI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Maria Rosaria nee Thomas, imwieled Pieta nhar l-eweel ta' April, 1977 u joqghod 'Redentur', Triq il-Qaliet, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 178977M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghoxrin ta' Mejju, 2002 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu fi Triq Joe Sciberras il-Hamrun, ikkommetta serq ta'mobile phone ghad-detriment ta' Stephen Fava, liema oggett kien go vettura ipparkjata u li ghandha n-numru ta' registrazzjoni CBA 701, liema serq huwa

aggravat bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sitta ta' Mejju, 2002 fejn kien instab hati ta' reati u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dik d-data.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat w l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja datat tletin ta' Mejju, 2002 esibit f'dan l-atti markat bhala dokument CSH 2.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li r-res furtiva giet ritornata lil sidha u ghalhekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif addebitati lilu f'dan l-istadju bikri tal-proceduri u dan fis-seduta tat-

tmintax ta' Lulju, 2002 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat li ma hiex daqstant riflettarja u cioe li ghandha biss zewg kontravenzjonijiet registrati fuqha wahda li tikkoncerna reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u l-ohra ta' pussess ta' droga.

Illi ghalhekk l-Qorti thoss li l-ahjar piena f'dawn ic-cirkostanzi hija dik li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation.

**Ghalhekk il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess, tordna li l-imputat MARK SCERRI jitpogga taht ordni ta' probation tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illum, 18 ta' Lulju, 2002.

**L-imputat probationer jobbliga ruhu li jzomm kuntatt mal-istess Probation Officer Marietta Lanzon u fost l-kundizzjonijiet li l-istess imputat probationer ghandu hija li jibda programm residenzjali minnufih.**

**F'kaz li l-imputat probationer jonqos li jibda dan il-programm, il-Probation Officer Marietta Lanzon hija obbligata li tinforma lil Qorti b'dan minnufih.**

**Il-Probation Officer Marietta Lanzon ghandha tirrelata kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**

**Il-Qorti fissret lil imputat probationer s-sinifikat ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum, 18 ta' Lulju, 2002.